

19.11.2010

A7-0325/ 001-004

**EMENDI 001-004**

mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

**Rapport**

**David Casa**

**A7-0325/2010**

Is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-perjodu ta' obbligu li tiġi rispettata r-rata standard minim

Proposta għal direttiva (COM(2010)0331 – C7-0173/2010 – 2010/0179(CNS))

---

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Sakemm isiru l-konsultazzjonijiet dwar l-istrateġija tal-VAT li hija mistennija li tindirizza l-arranġamenti fil-futur u livelli korrispondenti ta' armonizzazzjoni, ikun prematur li jiġi stabbilit livell permanenti ta' rata standard jew li jiġi kkunsidrat li jinbidel il-livell ta' rata minima.

*Emenda*

(4) Sakemm isiru l-konsultazzjonijiet dwar l-istrateġija tal-VAT li hija mistennija li tindirizza l-arranġamenti fil-futur u livelli korrispondenti ta' armonizzazzjoni, ikun prematur li jiġi stabbilit livell permanenti ta' rata standard jew li jiġi kkunsidrat li jinbidel il-livell ta' rata minima. ***L-enfasi tal-istrateġija l-ġdida tal-VAT għandha tkun ir-riforma tar-regoli tal-VAT b'mod li jippromwovi attivament l-objettivi tas-suq intern. L-istrateġija l-ġdida tal-VAT għandu jkollha l-għan li tnaqqas il-piż amministrattiv, telimina l-ostakli relatati mat-taxxa u ttejjeb l-ambjent kummerċjali, b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u dawk b'ammont kbir ta' xogħol, filwaqt li tiżgura s-saħħa tas-sistema kontra l-frodi.***

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda  
Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Huwa għalhekk xieraq li tinżamm ir-rata standard minima kurrenti ta' 15% għal perjodu ieħor li jkun twil biżżejjed biex tiġi żgurata ċertezza legali, filwaqt li tiġi permessa aktar reviżjoni.

*Emenda*

(5) Huwa għalhekk xieraq li tinżamm ir-rata standard minima kurrenti ta' 15% għal perjodu ieħor li jkun twil biżżejjed biex tiġi żgurata ċertezza legali, filwaqt li tiġi permessa aktar reviżjoni, **billi tintuża l-Istrateġija tas-Suq Uniku bħala linja gwida f'dan ir-rispett.**

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda  
Premessa 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Dan ma jeskludix aktar reviżjoni tal-leġislazzjoni tal-VAT qabel il-31 ta' Diċembru 2015 biex tindirizza r-risultat tal-istrateġija tal-VAT il-ġdida.

*Emenda*

(6) Dan ma jeskludix aktar reviżjoni tal-leġislazzjoni tal-VAT qabel il-31 ta' Diċembru 2015 biex tindirizza r-risultat tal-istrateġija tal-VAT il-ġdida. **Għalhekk, jekk possibbli, għandu jkun hemm ċaqliq lejn sistema definittiva qabel il-31 ta' Diċembru 2015.**

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda  
Artikolu 1 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 1a**

**Riżeami**

- 1. Sal-31 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni għandha tressaq proposti leġislattivi biex il-livell tar-rata minima tranżitorja attwali tal-VAT jiġi sostitwit b'sistema definittiva.**
- 2. Sabiex jiġi implimentat il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandu jkollha konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet kollha interessati, pubbliċi u privati, dwar l-istrateġija l-ġdida tal-VAT. Dawn il-**

*konsultazzjonijiet għandhom mill-inqas jindirizzaw ir-rati tal-VAT, inkluż ir-rati mnaqqa tal-VAT, kif ukoll jekk hux xieraq li tiġi stabbilita rata massima tal-VAT, l-ambitu tal-VAT, id-derogi mis-sistema, l-għażliet alternattivi għall-istruttura u t-tħaddim tal-VAT, inkluż il-post fejn għandhom jiġu ntaxxati il-provvisti intra-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet.*